MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2013

Numru. 1104/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**George Desira**
**Rita Desira**
**Generoso Desira**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati George Desira ta’ 62 sena, iben Vincent u Grazzja nee’ Spiteri imwieled Zejtun fit-12 ta’ Dicembru 1946 u residenti 21, Triq Taltas, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 1062646(M) u l-imputata Rita Desira ta’ 39 sena, bint George u Carmen nee’ Caruana, imwielda Pieta’ fil-1 ta’ April 1970 u residenti 21, Triq Taltas, Zejtun

u detentrici tal-karta tal-identita' numru 213670(M) u l-imputat Generoso Desira ta' 36 sena, iben George u Carmen nee' Caruana, imwieled Pieta' fit-3 ta' Frar 1973 u residenti 21, Triq Taltas, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 177973(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

(1) Fil-4 ta' Lulju 2008 ghal habta ta' 22.00hrs gewwa z-Zejtun minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Tarcisio Fenech skond kif iccertifika Dr. Renzo Degabriele MD 2447 tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid.

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Grazio Fenech skond kif iccertifika Dr. Renzo Debagriele MD 2447 tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru il-bon ordni u il-kwiet pubbliku b' ghajjat u glied.

(4) Lil Generoso Desira wahdu ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara ta' Euro 253.20 fuq bowser tal-ilma ghad-dannu ta' Tarcisio Fenech u dan bi ksur ta' Artikolu 325(b) ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Lill-Generoso Desira u lil George Desira talli huma saru recidivi b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 21 ta' Lulju 2010 (esebita a fol. 96 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(2), 216(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) Fl-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) Lil Generoso Desira wahdu fl-artikoli 49, 50, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li l-imputati waqt l-udjenza tal-24 ta’ Marzu 2011 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Il-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fl-4 ta’ Gunju 2008[1], il-Pulizija tal-Ghassa taz-Zejtun gew infurmati illi kien inqala’ argument gewwa Triq Taltas fiz-Zejtun bejn familjari tal-ahwa Fenech u membri tal-familja Desira. Illi l-incident beda’ meta Tarcisio Fenech kien qieghed ibattal bowser tal-ilma gewwa gibja gewwa garaxx fiz-Zejtun. Illi skond Tarcisio Fenech, li fil-mument li kien qieghed jaghti dan l-ilma ra l-manka taqbez u beda’ argument ma’ Generoso Desira wiehed mill-imputati. Illi waqt li l-argument bejniethom sahan, tant li kompla jghid Tarcisio Fenech li gew fuqu l-familjari ta’ Generoso u bdew ituh u f’mument minnhom inghata daqqa fuq imniehru minn Generoso Desira u sofra xi ksur fuq imniehru. Fil-fatt f’mument minnhom l-imputata Rita Desira zammet lil Tarcisio Fenech minn wara u dak il-hin qala’ daqqa ta’ ponn minghand Generoso Desira fuq imniehru u kissirulu. Huwa kompla jghid li fil-fatt anki ommhom giet fin-nofs pero jiftakar li l-imputat l-iehor George Desira gie jaghtih ukoll. Hu Tarcisio Fenech nizel ukoll fuq il-post u l-glied kompla bejniethom kollha tant li kull min kien involut sofra griehi hfief salv Tarcisio Fenech li kellu ferita gravi. L-imputati Desira taw verzjoni kompletament differenti minn dik moghtijia mill-ahwa

[1] Hekk kif xehed l-ispettur Arthur Mercieca

Fenech fejn dawn qalu li George Desira wiehed mill-imputati u l-mara tieghu Carmen sofrew griehi minhabba li Grezzju beda jaghtihom u kien biss f'dak il-mument li Generoso Desira prova jintervjeni fejn imbaghad l-ahwa Fenech daru ghalih u wiehed minnhom prova jifgaw minn ghonqu u huwa fil-fatt gie certifikat li kellu tbengil ma' ghonqu. Rita Desira ukoll sofriet griehi hfief ghaliex qalghet daqqiet fuq wiccha kif ukoll fuq sidirha minhabba li pruvat tferraq u qalghet daqqiet minghand l-ahwa Fenech. Illi fil-mument li waqaf kollox il-familja Desira cemplet lill-Pulizija sabiex jintervjenu.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-incident li dwaru tressqu l-provi kollha sehh nhar il-4 ta' Gunju 2008 ghall-habta tal-ghaxra ta' fil-ghaxija (22.00). Pero' l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati kollha jirreferu ghall-incident li sehh nhar il-**"4 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' 22.00 hrs".** Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta
tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk*

*l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk f'l-ismijiet *Pulizija vs Warren Piscopo* u *Pulizija vs Rita Thuema,* it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet lilhom addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fl-4 ta' Gunju 2008 u mhux fl-4 ta' Lulju 2008 hekk kif inhu indikat fl-att ta' citazzjoni li tinsab a fol 1 tal-process. Illi l-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fl-4 ta' Gunju 2008 fejn meta inqrat l-akkuza a fol 12 l-ispettur Arthur Mercieca ghamel referenza ghad-data tal-4 ta' Lulju 2008. Waqt li fix-xhieda tieghu (a fol 18) ghamel referenza ghad-data tal-4 ta' Gunju 2008. Illi jekk wiehed ihares lejn ic-certifikati medici mahruga u esebiti a fol 20 u 21 hemm ukoll dati u hinijiet zbaljati tant li wiehed jindika li gew ezaminati fil-5 ta' Lulju 2008[2] fin-12.30pm waqt li c-certifikat l-iehor jindika li sar fl-4 ta' Lulju 2008 fl-12.42am. Illi jekk wiehed ihares lejn l-akkuza l-incident jindika li sar fl-10 ta' fil-ghaxija tal-4 ta' Lulju u ghalhekk ma setax ikun hemm certifikat mahrug qabel l-incident u ghalhekk jidher bic-car li c-certifikat mediku mahrug u li jinsab esebit a fol 21 ghandu l-hin zbaljat.

Ili fix-xhieda ta' PS 1004 Christopher Abela (a fol 29) terga' ssir referenza ghad-data tal-4 ta' Gunju 2008 u mhux kif hemm fuq ic-citazzjoni. In oltre jekk wiehed ihares lejn ir-rapport tal-pulizija li gie esebit u market bhala Dok CA 1 a fol 32, id-data tal-incident hija dik tal-4 ta' Gunju 2008 u **mhux** l-4 ta' Lulju 2008. In oltre dina l-Qorti

---

[2] Id-data giet koreguta waqt is-seduta

tosserva li minn dokumenti ohra u din id-darba citazzjoni mahruga kontra l-istess Tarcisio Fenech u Grazio Fenech li tinsab esebita a fol 135 jidher li d-data tal-istess incident fejn il-pulizija hadet passi kontra l-istess ahwa fuq l-istess kaz taghmel referenza ghad-data tal-**4 ta' Gunju 2008** u mhux l-4 ta' Lulju 2008 kif indikat fic-citazzjoni ta' dawn il-proceduri. Dan il-fatt ikompli johrog bic-car anki mill-affidavit tal-istess PS 1004 li jinsab a fol 136 li taghmel referenza ghall-istess incident in kwistjoni li l-familjari Desira u cioe' l-imputati qieghdin ghaddejin proceduri kontra taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom kif dedotti u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------